# Il-Kummerċ Internazzjonali tal-Merkanzija: Awwissu 2024

NR 186/2024 Data tal-Ħruġ: 10 ta’ Ottubru 2024 Data tal-Għeluq: 01 ta’ Settembru 2024

*Ċifri proviżorji tal-kummerċ tal-merkanzija juru li, f’Awwissu 2024, kien irreġistrat defiċit kummerċjali ta’ €362.2 miljun, meta mqabbel mad-defiċit ta’ €598.9 miljun tal-istess xahar fl-2023.*



**Il-Kummerċ Sħiħ tal-Merkanzija: Awwissu 2024**

It-tagħrif kollu mogħti f’din l-Istqarrija tal-Aħbarijiet jippreżenta l-kummerċ kollu tal-merkanzija sad-data tal-għeluq imsemmija. Ċifri proviżorji juru li, f’Awwissu 2024, kien irreġistrat defiċit ta’ €362.2 miljun, meta mqabbel mad-defiċit ta’ €598.9 miljun tal-istess xahar fl-2023. L-importazzjoni ammontat għal €787.0 miljun, mentri l-esportazzjoni kienet ta’ €424.8 miljun. Dan juri tnaqqis ta’ €165.8 miljun fl-importazzjoni u żieda ta’ €70.9 miljun fl-esportazzjoni fuq l-istess xahar tas-sena ta’ qabel (Tabella nru 1). It-tnaqqis ewlieni fl-importazzjoni kien fil-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€178.6 miljun). Min-naħa tal-esportazzjoni, iż-żieda ewliena kienet irreġistrata fil-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€72.4 miljun) (Tabella nru 3).

**Il-Kummerċ Sħiħ tal-Merkanzija: Jannar-Awwissu 2024**

Fl-ewwel tmien xhur tas-sena, id-defiċit ċkien b’€241.4 miljun meta mqabbel mal-istess żmien tas-sena ta’ qabel u kien ta’ €2,879.3 miljun. L-importazzjoni kienet ta’ €6,058.1 miljun, filwaqt li l-esportazzjoni laħqet it-€3,178.8 miljun. Dan fisser żidiet ta’ €81.2 miljun u €322.5 miljun, rispettivament (Tabella nru 1). Iż-żieda fl-importazzjoni dehret l-aktar fil-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€413.3-il miljun) u l-Kimika (€87.3 miljun). Min-naħa l-oħra, kien hemm tnaqqis fl-importazzjoni tal-Makkinarju u t-tagħmir tat-trasport (€283.5 miljun), l-Oġġetti semi-manifatturati (€53.5 miljun) u l-Ikel (€41.3 miljun). Min-naħa tal-esportazzjoni, iż-żidiet ewlenin kienu fil-Fjuwil minerali, lubrikanti u materjal relatat (€284.8 miljun) u l-Kimika (€50.7 miljun) (Tabella nru 3).

## Ċart nru 1. Il-kummerċ internazzjonali tal-merkanzija: Data ta’ kull xahar




Il-merkanzija kienet, fil-biċċa l-kbira tagħha, miġjuba mill-Unjoni Ewropea (55.4 fil-mija) u mill-Asja (21.5 fil-mija). Simili għas-sitwazzjoni tal-importazzjoni, l-akbar numri tal-esportazzjoni kienu rreġistrati lejn l-Unjoni Ewropea (36.7 fil-mija) u l-Asja (11.0 fil-mija). L-akbar żieda fl-importazzjoni ġiet mit-Turkija (€98.9 miljun), filwaqt li l-importazzjoni mill-Ġermanja rreġistrat l-akbar tnaqqis (€230.7 miljun). L-esportazzjoni lejn l-Istati Uniti rreġistrat l-akbar żieda (€139.0 miljun), filwaqt li dik lejn il-Ġermanja kellha l-akbar tnaqqis (€43.6 miljun) (Tabella nru 4).

**Il-Kummerċ tal-Merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1]: Awwissu 2024**

F’Awwissu, id-defiċit fil-kummerċ tal-merkanzija li jħalli barra xi oġġetti speċifiċi kien jgħodd €158.6 miljun, meta mqabbel mad-defiċit ta’ €210.2 miljuni li kien irreġistrat fl-istess xahar tal-2023. L-importazzjoni u l-esportazzjoni kienu jiswew €394.5 miljun u €235.9 miljun, rispettivament, u b’hekk kien hemm tnaqqis ta’ 10.9 fil-mija fl-importazzjoni u żieda ta’ 1.6 fil-mija fl-esportazzjoni fuq l-istess xahar tas-sena ta’ qabel (Tabella nru 1).

**Il-Kummerċ tal-Merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1]: Jannar-Awwissu 2024**

Fl-ewwel tmien xhur tal-2024, id-defiċit fil-kummerċ tal-merkanzija li jeskludi xi oġġetti speċifiċi kiber bi €18.4-il miljun meta mqabbel mal-istess żmien tas-sena ta’ qabel, sabiex laħaq l-€1,755.3 miljun. L-importazzjoni u l-esportazzjoni naqsu b’0.4 fil-mija u b’1.8 fil-mija sabiex laħqu €3,611.3-il miljun u €1,856.0 miljun, rispettivament (Tabella nru 1).

## Ċart nru 2. Il-kummerċ tal-merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1] - Data ta’ kull xahar




## Ċart nru 3. It-tibdil perċentwali fil-kummerċ tal-merkanzija

Tqabbil mal-istess xahar ta’ sena qabel




## Ċart nru 4. It-taqsim perċentwali tal-kummerċ sħiħ tal-merkanzija bil-gruppi ewlenin tal-prodotti

Awwissu 2024




## Ċart nru 5. It-taqsim perċentwali tal-kummerċ tal-merkanzija eskluż kapitli speċifiċi[1] bil-kontinent/reġjun

Awwissu 2024




[1] Id-data teskludi Fjuwil Minerali, Lubrikanti u Materjal Relatat (Kapitlu 27), Inġenji tal-Ajru, Inġenji tal-Ispazju, u Partijiet Tagħhom (Kapitlu 88) u Bastimenti, Dgħajjes u Strutturi li jżommu f’Wiċċ l-Ilma (Kapitlu 89). Ara n-nota metodoloġika nru 8.

Nota: It-totali jistgħu ma jgħoddux eżatt minħabba l-arrotondament.